**26 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Maria Felicia Cremona et.

*versus*

Michele Abela et.

**Simulazzjoni — Rexissjoni — Preskrizzjoni — art. 1255 u 1266(2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni għar-rexissjoni jew nullità ta' kuntratt tippresupponi obligazzjoni annullabbli, iżda ġuridikament eżistenti, għalkemm nieqsa minn xi element essenzjali, mentri l-azzjoni ta' simulazzjoni għandha dejjem bħala presuppost att ineżistenti b'mod assolut jew relattiv.*

*Talba għar-rexissjoni ta' kuntratt għax simulat ma tirrigwardax obligazzjoni mingħajr kawża, u kwindi mhix suġġetta għall-preskrizzjoni ta' sentejn preskritta mill-liġi għall-azzjoni ta' rexissjoni; dik it-talba tammonta għal azzjoni ta' simulazzjoni, li hi preskrivibbli fi tletin sena.*

*U mhix ammissibbli d-distinzjoni fis-sens illi għat-terzi din il-preskrizzjoni tista' tkun ta' tletin sena, iżda għall-kontraenti jew aventi kawża minnhom il-preskrizzjoni hi ta' sentejn; għax ladarba l-azzjoni ta' simulazzjoni hi mogħtija anki lill-kontraenti li ħadu parti fil-kuntratt simulat, u tinsab fondata fuq raġunijiet oġġettivi, ma hux leċitu li wieħed jiddistingwi skond id-diversi soġġetti tal-azzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-imsemmi Joseph Abela, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt taż-17 ta' April 1952 (dok. A), iddikjara li qiegħed ibiegħ lill-konvenuti l-villa "Maria Teresa", in kors ta' kostruzzjoni, li tinsab fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, Rdum Irxew, bil-prezz ta' £800 li ma tħallasx fuq l-att. soġġetta għall-pagament ta' £11 subċens fis-sena; u billi dan il-bejgħ huwa fittizju bħal ma jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; talbu li għal din ir-raġuni jiġi rexiss il-kuntratt fuq imsemmi, taħt il-provvedimenti

li għal din ir-rexissjoni tagħti dil-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi, għalkemm l-atturi qegħdin jitolbu r-"*rexissjoni*" tal-kuntratt fuq imsemmi, din it-talba ibbażawha fuq li l-bejgħ li sar b'dak il-kuntratt huwa "fittizju"; u skond l-imsemmi verbal fol 24 huma qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni ta' simulazzjoni;

Illi l-konvenuti, kif jidher mid-dikjarazzjoni tagħhom fol. 23, u kif sostnew fid-dibattitu orali, jippretendu illi l-premessa li l-kuntratt huwa fittizju tammonta għal talba ta' rexissjoni ta' obligazzjoni mingħajr kawża, u għalhekk l-azzjoni relattiva tinsab milquta mill-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fl-art. 1266 u 1267 fuq ċitati;

Illi ta' min jinnota li l-azzjoni tar-rexissjoni jew tan-nullità tippresupponi obligazzjoni annullabbli, *iżda ġuridikament* eżistenti, għalkemm nieqsa minn xi element essenzjali (art. 1255 Kod. Ċiv.). Difatti, skond l-art. 1188 (g) tal-istess Kodiċi, ir-rexissjoni hija wieħed mil-modi li bihom jispiċċaw ("si estinguono", skond l-art. 851 Ord. VII tal-1868) l-obligazzjonijiet; u peress li ma jistax *loġikament* jispiċċa ħlief dak li jkun jeżisti, mhumiex suġġetti għar-rexissjoni, għall-finijiet tal-art. 1255 fuq ċitat, dawk l-obligazzjonijiet li huma ġuridikament ineżistenti (Kollez. XXV-I-511; XXXIV-I-79). Issa, l-azzjoni tas-simulazzjoni għandha dejjem bħala presuppost att ineżistenti b'mod assolut jew relattiv (v. Kollez. XXXVI-II-550 u l-awtoritajiet hemm ċitati);

Illi mhux eżatt kif jippretendi l-konvenut, li si tratta ta' obligazzjoni mingħajr kawża, u kwindi soġġetta għall-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-art. 1266(2) tal-Kodiċi Ċivili; għaliex, kif josserva Butera, "atto simulato non è atto nullo per mancanza di causa, poichè nel simulato la causa non difetta, ed è riposta in ciò che le parti, spontanea-

mente per varie ragioni, sotto l'apparenza o nascondono il nulla o vi mascherano un negozio differente (Simulazione nei Negozi Giuridici, §12);

Illi lanqas hija ammissibbli d-distinzjoni li għamlu l-konvenuti fid-dibattitu orali, fis-sens li għat-terzi l-preskrizzjoni tista' tkun ta' tletin sena, iżda għall-kontraenti jew aventi kawża minnhom bejniethom il-preskrizzjoni hija ta' sentejn; difatti, ladarba l-azzjoni tas-simulazzjoni tinsab mogħtija anki lill-kontraenti li ħadu parti fl-att simulat (Kollez. XXIX-I-837), u tinsab fondata fuq raġunijiet oġġettivi, mhux leċitu li wieħed jiddistingwi skond id-diversi soġġetti tal-azzjoni;

Illi hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li l-preskrizzjoni tal-azzjoni ta' simulazzjoni hi ta' tletin sena (Kollez XXXVI-II-550); u dan iż-żmien mill-publikazzjoni tal-att impunjat għadu ma għaddiex;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U billi f'din il-kawża jeħtieġ jitqabbad perit legali biex ifittex u jirrelata jekk il-pretensjoni tal-atturi għandiex fondament jew le, u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, tinnomina għal dan l-oġġett...... u jippreżenta r-relazzjoni tiegħu...... mhux aktar tard mis-26 ta' Ottubru 1959, għal liema ġurnata qegħdha tiġi differita l-kawża:

Spejjeż riżervati.